A.L. 53 tal-2026

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2026 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Pensjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

L.S. 123.204.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2026 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Pensjonijiet u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Pensjonijiet, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regoli prinċipali".

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

2. Fit-tieni kolonna tal-ħames ringiela tat-tabella fir-regola 3 tar-regoli prinċipali l-kliem "sittax-il elf, sitt mija u sitta u tletin euro (€16,636)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sebgħa u tletin elf, mija u erba' euro (€37,104)".

Iżżid regola ġdida mar-regoli prinċipali.

3. Minnufih wara r-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi miżjuda r-regola ġdida li ġejja:

"Rimborż tat-taxxa.

4. Fil-każ ta' individwu li, fis-sena ta' stima 2027 jew kwalunkwe sena sussegwenti, jibbenefika mill-eżenzjoni mogħtija taħt ir-regola 3 u li hu taxxabbli skont ir-rati speċifikati fl-artikolu 56(1)(a)(i) tal-Att, rimborż ta' taxxa għandu jingħata bħala tpaċija kontra t-taxxa fuq id-dħul taxxabbli, kif ġej:

Rimborż ta' taxxa = (dħul taxxabbli nieqes 15,000) multiplikat b'15%:

Iżda tali rimborż ma għandux jaqbeż €540:

Iżda wkoll kwalunkwe riżultat negattiv ma għandux jitqies u kwalunkwe rimborż mogħti taħt din ir-regola ma jistax jagħti lok għal rifużjoni jew ikun disponibbli sabiex jiġi riportat.".